**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**Vs**

**Amadeo Grima**

Kumpilazzjoni Numru: 644/2015

Illum, 20 ta' Gunju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Amadeo Grima, ta' 35 sena, iben Anthony u Anna Louise nee' Borg, imwieled Pieta, fit-8 ta' April 1980 u residenti St. Joseph, Triq l-Ghannejja, Birzebbugia, detentur ta' karta tal-identita' 259780 (M) talli:

1. Nhar is-16 ta' Awwissu 2015, minn gewwa l-istores ta' JB stores li jinsabu gewwa bitha fi Triq l-Ik1in, Iklin ikkometta serq liema serq huwa aggravat bl-ammont li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro centezmu (€2329.40) u bil-mezz u li sar ghad-detriment ta' Albert Sant u/jew persuna/i ohra a tenur tal-Artiklolu 261(b)(c), 263(a), 267, 278(2) tal-Kap 9 tal-Ligiiiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjarment hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara f'bibien, hgieg u oggetti ohra, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros (hamsin Lira Maltija) ghad-dannu ta' Albert Sant u/jew persuna/i ohra, a tenur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recediv ai termini tai-artlkoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu miil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Antonio Micaillef Trigona LLD fid-digriet tieghu tal-25 ta' Novernbru 2014 li bih tat il-helsien mill-arrest a tenur tal-artilou 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli il-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu miil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Josette Demicoli LLD fid-digriet tieghu tat-8 ta' April 2015 li bih tat il-helsien mill-arrest a tenur tal-artilou 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitlub sabiex f'kaz ta' htija tirrevoka il-beneficju ta' helsien mill-arrest u ir-riarrest tal-imsemmi Amadeo Grima.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikou 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-pesuna huwa fuq indikati.

Semghet ix-xhieda

Semghet lill-ufficjal prosekutur fis-seduta tallum jiddikjara li l-prosekuzzjoni mhux se tinsisti fuq ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet invista tad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-12 ta' Mejju 2016 ezebita in atti minn fejn jirrizulta li gie revokat il-helsien mill-arrest tal-imputat odjern kif ukoll gew ikkonfiskati ghaf-favur tal-Gvern ta' Malta d-depoziti u l-garanziji imposti mid-digrieti tal-helsien mill-arrest.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni fuq l-imputazzjonijiet l-ohra u kkonferma l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi in vista li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu dawn ghalhekk gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in kunsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-fedina refrattarja tieghu u l-ammissjoni tieghu ghalkemm din ma nghatatx fi stadju bikri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' u l-hames imputazzjonijiet, wara li rat l-artikoli 17, 20, 49, 50, 261(b)(c), 263(a),267, 278(2), 279(b), 289 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tnejn u erbghin (42) xahar prigunerija.

Billi l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' u l-hames imputazzjonijiet tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghar-revoka tal-helsien mill-arrest.

Inoltre' b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati jhallas l-ammont ta' elfejn mitejn tmienja u hamsin euro u ghoxrin centezmu (€2,258.20) u maghdud ma' dan l-ammont, ammont iehor li ghad irid jigi determinat rigwardanti rapport ta' Dr Marisa Cassar. L-ammont kollu ghandu jithallas fi zmien sentejn minn mindu l-hati jiskonta s-sentenza. F'kaz li l-ammont jew parti minnu ma jithallasx il-bilanc jigi konvertit fi prigunerija.

Tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghal applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li kopja ta′ din is-sentenza flimkien mal-atti ghandhom jintbaghtu lill-Avukat Generali skont il-ligi.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat